31997D0591

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Lulju 1997

li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokumenti sottomessi għal eżami dettaljat minħabba l-possibiltà ta' l-inklużjoni ta' *mefenoxam* (CGA 329 351), *ethoxysulfuron, famoxadone* u *ampelomyces quisqualis fl-Anness* I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għal protezzjoni tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/591/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/68/KE [2] u b' mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE iddisponiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

Billi l-applikanti bagħtu dokumenti dwar erbgħa sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-għan li jiksbu l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva;

Billi dokument dwar is-sustanza attiva *mefenoxam* ġie sottomess min-Novaris Corp Protection AG lill-awtoritajiet Belġjani fid-9 ta' Frar 1996;

Billi dokument għas-sustanza attiva *ethoxysulfuron* ġie sottomess minn AgrEvo lill-awtoritajiet Taljani fit-3 ta' Lulju 1996;

Billi dokument dwar is-sustanza attiva *famoxadone* ġie sottomess minn Du Pont de Nemours lill-awtoritajiet Franċiżi fit-2 ta' Ottubru 1996;

Billi dokument dwar is-sustanza attiva *Ampelomyces quisqualis* ġie sottomess minn Ecogen lill-awtoritajiet Franċiżi fit-12 ta' April 1996;

Billi l-awtoritajiet imsemmija indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżami tal-kompletezza tad-dokumenti dwar ir-rekwiżiti ta' *data* u informazzjoni previsti fl-Anness II, u mill-inqas dwar prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva ikkonċernata, fl-Anness III tad-Direttiva; billi sussegwentement, skond l-Artikolu 6(2), id-dokumenti kienu sottomessi mill-applikanti lill-Kummissjoni u Stati Membri oħra;

Billi d-dokumenti dwar *mefenoxam, ethoxysulfuron* u *famoxadone* kienu ġew mgħoddija lill-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' Marzu 1997;

Billi d-dokument għall-*Ampelomyces quisqualis* kien ġie mgħoddi lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-6 ta' Frar 1997;

Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jitlob konferma fil-livell tal-Komunità li kull dokument għandu jitqies bħala li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u l-informazzjoni previsti fl-Anness II u, mill-anqas għal prodott wieħed ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva kkonċernata, fl-Anness III tad- Direttiva;

Billi informazzjoni bħal din hi neċessarja sabiex wieħed isegwi l-eżami dettaljat tad-dokument kif ukoll sabiex tinfetaħ għall-Istati Membri l-possibiltà li tingħata awtorizzazzjoni provviżorja għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva fir-rigward dovut tal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikolari għall-kondizzjoni li jsir eżami dettaljat tas-sustanzi attivi u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn għandhom x'jaqsmu l-ħtiġijiet tad-Direttiva;

Billi deċiżjoni bħal din ma tippreġudikax li aktar *data* jew informazzjoni tista' tintalab mill-applikant meta jkun jidher matul l-eżami dettaljat li din l-informazzjoni jew dawn id-*data* huma meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni;

Billi huma mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li l-Belġju ser isegwi l-eżami dettaljat għad-dokument dwar il-*mefenoxam*, li l-Italja ser issegwi l-eżami dettaljat għad-dokument dwar l-*ethoxysulfuron* u li Franza ser issegwi l-eżami dettaljat għad-dokumenti dwar il-*famoxadone* u *l-Ampelomyces quisqualis*;

Billi l-Belġju, l-Italja u Franza ser jirrappurtaw il-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet akkumpanjati b'kull rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew non-inklużjoni u kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u l-aktar tard f'perjodu ta' sena; billi malli jkunu rċevuti dawn ir-rapporti l-eżami dettaljat jitkompla bl-esperjenza ta' l-Istati Membri kollha fil-qafas tal-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti;

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 277, tat-30.10.1996, p. 25.

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għas-saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-dokumenti li ġejjin huma kkunsidrati li jissodisfaw fil-prinċipju r-rekwiżiti dwar *data* u informazzjoni previsti fl-Anness II, u għal prodott ta' protezzjoni għall-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva kkonċernata, fl-Anness III tad-Direttiva, b'konsiderazzjoni ta' l-użi proposti:

1. Id-dokument sottomess minn Novartis Crop Protection AG lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż il-*mefenoxam* bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien mgħoddi lill-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' Marzu 1997.
2. Id-dokument sottomess minn-AgrEvo lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li jkun inkluż l-*ethoxysulfuron* bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien mgħoddi lill-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' Marzu 1997.
3. Id-dokument sottomess minn DuPont de Nemours lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li tkun inkluża il-*famoxadone* bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien mgħoddi lill-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti fil-21 ta' Marzu 1997.
4. Id-dokument sottomess minn Ecogen lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li tkun inkluża l-*Ampelomyces quisqualis* bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u li kien mgħoddi lill-Kumitat Permanenti għas-Saħħa tal-Pjanti fis-6 ta' Frar 1997.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni